MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2007

Appell Civili Numru. 1971/1995/1

**Raymond Fenech u Filippa Fenech bhala legittimi rapprezentanti ta' binthom minuri Samantha May Fenech u
b'nota tat-30 ta' April 2007 Samantha May Fenech assumiet
l-atti tal-kawza f'isimha proprju peress li llum hija maggorenni**

**v.**

**Kunsill Lokali Zebbug, Ministru ta' l-Ambjent, u d-Direttur tal-Manufacturing and Servicing Department,
Works Department**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

1. Dan hu appell minn sentenza moghtija fil-21 ta' Ottubru 2004 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet premessi li fiha gie ritenut u deciz hekk:

"Il-Qorti,

"Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-atturi fit-22 ta' Novembru, 1995, li in forza taghha wara li ppremettew illi;

"Fil-31 ta' Awissu, 1995 ghal habta ta' xi t-8.00pm it-tifla minuri Samantha May Fenech kienet qieghdha tilghab fuq il-bandli ta' Kandlora Street, Zebbug;

"Fiz-zurzieqa tal-bandli msemmija kien hemm hadida sporguta 'l barra u xi ftit maqtugha;

"Waqt li kienet qed tizzerzaq l-imsemmija tifla minuri Samantha May Fenech din il-hadida maqtugha dahlet fis-sieq xellugija ta' l-istess Samantha May Fenech (Dok A);

"It-tifla minuri Samantha May Fenech baqghet imwahhla mal-hadida sakemm gew il-Pulizija tal-*Special Assignment Group* biex jaqtghu l-hadida u jaqilghu t-tifla minn maghha;

"It-tifla minuri giet mehudha l-isptar bil-hadida li baqa' wara li nqatghet f'sieqha;

"B'kawza ta' dan l-incident l-atturi *nomine* sofrew danni;

"Ghal dan l-incident huma responsabbli l-konvenuti jew min minnhom;

"Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex;

"1. Tiddikjara illi l-konvenuti kienu responsabbli ghall-incident fuq deskritt tal-31 ta' Awissu, 1995 meta hadida xi ftit maqtugha dahlet fis-sieq ix-xellugija tat-tifla minuri Samantha May Fenech, kkagunatilha ferita b'rizultat li l-atturi *nomine* sofrew danni liema incident sehh minhabba nuqqasijiet, traskuragni u negligenza da parti tal-konvenuti;

"2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi *nomine* rizultat ta' l-incident fuq indikat tal-31 ta' Awissu, 1995;

"3. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi *nomine* d-danni fuq likwidati.

"Bl-ispejjez kontra l-konvenuti ngunti *in* subizzjoni.

"Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti l-Ministru ta' l-Ambjent u d-Direttur tas-Servizzi u Manufattura, li in forza taghha ecepew illi;

"1. Preliminarjament ic-citazzjoni hija nulla fil-konfront taghhom *stante* li ma gietx preceduta b'ittra ufficjali *ai termini* ta' l-artikolu 460 tal-Kap. 12;

"2. *Inoltre* u bla pregudizzju ghal premess huma jirrespingu bhala infondati fil-fatt u fid-dritt il-pretensjonijiet vantati mill-atturi *stante* li bl-ebda mod ma kienu responsabbli ghall-incident *in* kwistjoni u dana kif jirrizulta fil-kawza;

"3. Il-manutenzjoni tal-*playing field in* kwistjoni mhix responsabbilita` taghhom;

"4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

"5. Huma m'ghandhomx ibatu spejjez;

"Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug li in forza taghha ecepixxa illi;

"1. Preliminarjament,ic-citazzjoni hija nulla u bla effett legali *stante* li l-atturi naqsu li jipprezentaw att gudizzjarju

kontra l-konvenut ghaxart ijiem qabel ma giet pprezentata c-citazzjoni odjerna u dan *a tenur* ta' l-artikolu 460 tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili.

"2. Fil-meritu u bla pregudizzju ghal premess, l-eccipjenti kien ha hsieb ixandar il-fatt li kienu qed isiru xogholijiet fil-*Playing Field in* kwistjoni u li ghalhekk din ma kellhiex tintuza ghal certu zmien.

"3. Fit-tieni lok u bla pregudizzju ghas-suespost, ix-xogholijiet fil-*Playing Field in* kwistjoni kienu qed isiru mid-Dipartiment Distrettwali tax-Xogholijiet u mis-Socjeta' Associated Supplies Limited, fuq appalt moghti mill-eccipjent, liema kuntratt specifika li kull misura ta' sigurti kellha tittiehed mill-kuntratturi.

"4. *Inoltre* l-hadida li taghmel parti miz-zurzieqa, li biha wegget il-minuri Samantha May Fenech kienet imqacta il-lejl ta' qabel minn persuni injoti.

"5. Salvi eccezzjonijiet ohra.

"Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

"Rat il-verbal registrat fl-udjenza tas-7 ta' Ottubru, 1996, fejn il-konvenut kunsill lokali Zebbug irtira l-ewwel eccezzjoni tieghu (din l-eccezzjoni giet, ghal darba ohra (!!) irtirata b'nota tat-2 ta' Mejju, 2000);

"Rat in-nota tal-konvenuti l-Ministru ta' l-Ambjent u d-Direttur tas-Servizzi u Manifattura tal-10 ta' Ottubru, 1996, li in forza taghha irrinunzjaw ghal dak li hu rinuzzjabbli fl-ewwel eccezzjoni;

"Rat id-digriet ta' din il-Qorti tal-11 ta' Marzu, 2004, li in forza tieghu inhatar, bhala perit mediku, Mr. Charles Swain, li ghandu jirrelata dwar il-percentagg tad-dizabbilita` allegata mill-minuri, u jghid ukoll jekk jezistix il-possibbilita' li jsir intervent kirurgiku li in forza tieghu l-minuri ma jkollhiex aktar menomazzjoni u, f'kaz affermattiv, jindika l-effett *"long term"* ta' tali intervent u l-ispiza relattiva;

“Rat ir-rapport ta’ l-imsemmi perit mediku pprezentat fil-25 ta’ Mejju, 2004, u mahluf fl-udjenza tat-2 ta’ Lulju, 2004;

“Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

“Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

“Rat in-nota ta’ l-osservazzjonijiet tal-konvenuti Ministru ta’ l-ambjent u d-Direttur tal-Manufacturing and Servicing Department, Works Department;

“Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

“Rat li l-kawza kienet differita ghal-lum ghas-sentenza;

“Ikkunsidrat;

“Illi fil-31 ta’ Awissu, 1995, il-minuri Samantha May Fenech kienet qed tilghab fil-bandli li hemm fi Triq il-Gandlora, gewwa z-Zebbug, Malta. Il-genituri tal-minuri joqghodu ftit il-boghod minn fejn huma sitwati l-bandli, u peress li din kellha xi haga fuq is-seba’ snin, gieli kienu jhaluwha tmur wahedha sal-bandli, u dan peress li m’hemmx htiega li t-tifla taqsam toroq biex mid-dar jew mill-Muzew tmur sal-bandli. It-tifla kienet qed tilghab b’mod normali fuq il-bandli, meta, f’hin minnhom, marret fuq iz-zurzieqa u dahlitilha hadida li kienet fil-parti t’isfel taz-zurzieqa u li kienet sporguta ‘l barra xi zewg pulzieri. Din il-hadida dahlet f’kuxxtejn it-tifla u harget min-naha ta’ fuq ta’ sieqha. Fuq il-post gie it-tabib, li qala’ l-hadida minn maz-zurzieqa u t-tifla ttiehdet l-isptar b’ambulanza bil-hadida ghadha f’saqajha.

“Dakinhar ta’ l-incident, missier iehor certu Anthony Agius, kien ha lil bintu tilghab fl-istess *‘playground’*, izda peress li nduna bil-hadida maqtugha, meta t-tifla tieghu riedet tuza z-zurzieqa huwa zamm il-hadida ‘l isfel b’siequ u ghamel hekk anke meta kienu qed jizzerzqu tfal ohra li kienu qed jilghabu ma’ bintu; sfortunatament lahaq telaq meta waslet bint l-atturi fuq ix-xena, u din, inattez kull periklu, telghet

biex tilghab fuq iz-zugraga (recte: zurzieqa) u sar l-incident.

“Jirrizulta mill-provi li l-Kunsill Lokali Zebbug ha l-obbligu li jiehu hsieb din il-*playing field in* kwistjoni fl-1 ta’ April, 1995; qabel dik id-data, mhux car ta’ min kienet ir-responsabbilita` ghall-manutenzjoni tal-bandli ghax fil-waqt li s-Sindku ta’ Haz-Zebbug jghid li r-responsabbilita` kienet f’idejn il-Maintenance and Services Department tal-Gvern (komunement maghruf bhala l-Garaxx tal-Gvern tal-Marsa), ufficcjali ta’ dan id-dipartiment xehedu li d-dipartiment qatt m’ghamel manutenzjoni ta’ din il-*playing field* peress li din ma kienetx f’idejn il-Gvern, izda l-*maintenance* taghha kien f’idejn kuntrattur privat.

“Din il-Qorti ma tarax li hu rilevanti li tiddetermina min kien responsabbli mill-manutenzjoni ta’ din il-*playing field* qabel l-1 ta’ April, 1995, ghax f’dik id-data l-Kunsill ta’ Haz-Zebbug assuma l-obbligu hu li jmantni dik il-*playing field*, u ghalkemm is-Sindku qal li l-*standard* ta’ l-apparat ma kienx wiehed gholi, u kien inferjuri ghal dak ta’ *playing fields* ohra, l-apparat innifsu, fi kliem is-sindku *“kien tajjeb”* (fol. 81 tal-process). Is-Sindku, fil-fatt, stqarr kemm-il darba li l-Kunsill ma kienx jaccetta li jiehu fuq spallejh ir-responsabbilita` ghat-tiswija ta’ dik il-*playing field* li kieku kien fi stat li ma jistax jintuza l-*equipment* (fol. 75 tal-process). Is-Sindku enfasizza li l-*equipment* kien tajjeb u kull ma kien jonqoshom kien li, fl-art, issir is-*safety play area*. Hu qal li ma rax sadid, ghax kieku l-Kunsill ma kienx jaccetta li jiehu r-responsabbilita` tal-bandli.

“Min dan, isegwi li, fl-1 ta’ April, 1995, il-Kunsill Lokali ta’ Haz-Zebbug accetta li jassumi r-responsabbilita` ghal *playing field in* kwistjoni u ezima lil ta’ qablu minn kull responsabbilita` meta accetta li l-*equipment* kien *“tajjeb”*. Ma jirrizultax li, meta l-Kunsill ha responsabbilita` ghall-bandli, li dan ikkommissjona xi rapport dwar l-istat ta’ l-apparat, u lanqas ma talab li l-istess jigu ezaminati min nies esperti fil-materja, izda qaghad fuq dak li deher fuq l-ghajn, u accetthom bhala fi stat tajjeb.

"Il-Kunsill qies l-apparat li kien *"tajjeb"* u esponieh ghall-pubbliku minghajr ma ezaminah. *Kwindi,* ta' affidament lill-pubbliku li seta' juza l-bandli bla periklu, u ghal dan il-*"breach of trust"* ghandu jwiegeb ghad-danni.

"Fi kliem iehor, darba l-Kunsill (b'mod irrisponsabbli ghall-ahhar, fil-fehma tal-Qorti) ha dan ir-riskju u accetta bhala fi stat *"tajjeb"* l-apparat kollu li kien fil-*playing field*, hu assuma r-responsabbilita` ghall-istat li, fil-fatt, kien l-apparat.

"Il-Qorti tifhem li la darba l-Kunsill kien se jigi mghobbi bil-piz tal-manutenzjoni tal-*playing field*, kien dover tieghu, jekk ried ikopri ruhu, jew ma jaccettax ir-responsabbilita` qabel ma jigu certifikati li kienu fi stat tajjeb ta' manutenzjoni, jew, jekk dan ma kienx possibli, li jaccetta r-responsabbilita` b'riserva, jaghlaq l-istess *playing field* u jordna *condition report* immedjata tal-*playing field*. Jekk il-*condition report* ikun jirrizulta pozittiv, allura l-Kunsill ikun jista' jerga' jiftah il-*playing field* ghall-pubbliku, jekk jirrizulta li jkun fin-negattiv, ifittex li jirranga fejn ikun mehtieg qabel ma jiftahha ghall-pubbliku u jfittex ghar-ridress lil min, qabel l-1 ta' April, 1995, kien responsabbli mill-manutenzjoni ta' dik il-*playing field*. Hekk ghandu jimxi min jassumi obbligu ta' post frekwentat mill-pubbliku, aktar u aktar f'dan il-kaz, meta l-pubbliku, fil-gran *parte* tieghu, ikun kompost minn tfal zghar. Il-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug kien irrisponsabbli meta, wara li ha r-responsabbilita` ghal *playing field in* kwistjoni, kompla jhalli l-bandli esposti ghall-pubbliku minghajr ma vverifika l-istat u l-kondizzjoni taghhom.

"Il-Kunsill kien aktar interessat biex, forsi ghal ghajn in-nies, ikun jidher li qed jaghmel xi haga, u allura kien aktar interessat li, l-ewwel qabel kollox, jaghmel *safety play area*; ma kienetx priorita` ghaliha li jara li l-*equipment* innifsu kien *safe* ghat-tfal. Il-Kunsill, fil-verita', kellu l-hsieb li jdur l-apparat u jaghmel *up-grading* tieghu, izda dan kellu jsir wara li titlesta l-art u meta, fil-frattemp, l-istess apparat kien miftuh ghall-uzu tal-pubbliku erbgha u ghoxrin siegha kuljum!

“Meta l-Kunsill Lokali accetta l-apparat bhala fi stat *“tajjeb”*, hu accetta r-responsabbilita` ta’ l-oggett fl-istat li hu, u accetta allura r-responsabbilita` li jsewi ghal kull nuqqas li kien hemm u li jara li, fil-frattemp, l-*equipment* ma jkunx ta’ hsara ghall-pubbliku.

“Il-Kunsill Lokali ta’ Haz-Zebbug jargumenta li l-apparat kien, fil-fatt, tajjeb, u l-ksur sar minhabba att vandalu. Dan *pero*` ma jirrizultax. Veru li s-Sindku jghid li gara kienet qaltlu li, xi tlett ijiem qabel l-incident, kienet rat lil xi hadd jaghmel atti vandali fuq il-bandli, *pero*`, mhux biss li l-gara *in* kwistjoni cahdet li qalet diskors simili, izda wkoll ma jirrizultax li l-hsara partikolari kienet konsegwenza ta’ xi att vandalu. Il-Pulizija li mar fuq il-post dak il-hin ta’ l-incident, irrimarka li l-hadida inqalghet bis-sadid, biz-zmien. Ix-xhud Frans Vella, li kien *Works Technical Officer* mal-Gvern (u allura persuna li ghandha certa esperjenza fil-materja), qal li l-hadida mhux probabbli li nqalghet b’xi att vandalu; hu esprima l-veduta li dik il-hadida kienet mizmuma f’postha b’vit li maz-zmien inqala’. Hu, f’parti ohra tad-dispozizzjoni tieghu, xehed li l-hadida inqalghet *“minhabba z-zmien li ghadda minn fuqha u s-sadid”*. Hekk ukoll is-Sur Joseph Griscti, li kien *chargeman* mal-Gvern fil-garaxx tal-Marsa, ghalkemm ghall-ewwel stqarr li ma jahsibx li l-hadida setghet inqalghet maz-zmien, ma eskludiex li seta’ gara li l-vit jissaddad u l-hadida inqalghet. Hu qal li dan jista’ jigri, u fil-fatt, hadida simili n-naha l-ohra taz-zurzieqa (jigifieri, korrispondenti ghal dik li dahlet fl-riglejn il-minuri), meta, wara l-incident, marru biex isewwu z-zurzieqa, rawha *“misjura”* u bidluha. Manuel Mizzi, persuna ohra li kienet tahdem fil-garaxx tal-Gvern, spjega li *“din ir-round bar in kwistjoni kienet imwahhla bir-rivets taht u li jigri hu li bin-nida dawn jespandu u mbaghad ir-round bar tinqassam”*.

“Fil-fehma tal-Qorti, jirrizulta allura pruvat, li l-hadida *in* kwistjoni ma nqalghetx b’att vandalu, izda minhabba nuqqas ta’ manutenzjoni, li ghaliha ghazel li jaghmel tajjeb il-Kunsill Lokali meta accetta li bandli kienu fi stat *“tajjeb”*.

“Fuq kollox, hija wkoll il-fehma ta’ din il-Qorti, li anke kieku l-Kunsill accetta li jiehu r-responsabbilita’ tal-*playing field*

b'riserva, mill-1 ta' April, 1995 'l quddiem, din kienet responsabbilita` tieghu, u ma kellux ihalli l-istess miftuha ghall-pubbliku qabel ma jaccerta ruhu li l-istess *playing field* kienet *safe*. Ir-riserva, kieku saret, kienet tkopri lill-Kunsill Lokali fis-sens li kien ikollha dritt ta' ridress kontra minn kien responsabbli qabilha ghall-istess *playing field*, *pero'*, xorta kien u jibqa' obbligu tal-Kunsill li jassigura li l-*playing field* kien *safe* ghall-pubbliku u dana mill-1 ta' April, 1995, 'l quddiem.

"Mhix skuza li l-*playing field* mhux imdawwar b'cint gholi u hi accessibbli ghall-pubbliku *in generali* kull waqt tal-gurnata. Jekk il-Kunsill assuma r-responsabbilita` ghal dik l-*area*, huwa responsabbli ghal kull ma jigri fiha, u kellu jiehu passi immedjati billi jiehu kontroll immedjat tal-*playing field* jew, jekk dan ma setghax jaghmlu b'mod immedjat, li ma jippermettix li jsir uzu mill-apparat qabel ma l-istess Kunsill ikun fi stat li jista' jikkontrolla l-istess *playing field*. Kif intqal fil-kawza ingliza <u>"Ching vs Surrey C.C."</u> (1910) 1 K.B.736, u precisament minn Lord Halsbury, *"Anyone charged with that duty (to keep the playground in proper condition) was bound to take care that the playground where boys were expected to play … should be in such a condition that they should not be exposed to unnecessary danger while playing there"*.

"Il-Kunsill jghid ukoll li hu jhallas ghal zewg *watchman* biex jiehdu hsieb il-*playing field*. Dawn, *pero*`, mhux nies mistharga (is-Sindku jiddiskrivihom bhala kenniesa u gardinara) u xogholhom, fir-rigward tal-*playing field*, kien li jirraportaw ghal xi hsara, u mhux li jaghmlu xi forma ta' *maintenance*. Dawn jahdmu hin ta' haddiema tal-Gvern, u jahdmu gurnata fl-inhawi tal-*playing field in* kwistjoni, u gurnata band'ohra, b'mod li, fis-sajf, meta l-haddiema jahdmu nofs ta' nhar, tista tghaddi gurnata u nofs bejn *inspection* u ohra, hin bizzejjed biex l-apparat iggarab hsara jew *mal-function* u l-istess jibqa' mhux irrangat u miftuh ghall-pubbliku.

"Is-Sindku jghid li, f'dan il-kaz, inzerta li l-*watchmen*, lejliet l-incident, ma kienux qed jahdmu fuq din il-*playing field*, u allura ma ndunawx bil-hsara; jghid ukoll li *"l-ebda playing*

*field f'Malta m'ghandha gwardjan full time"!* Din il-Qorti ma tafx x'jigri fil-bqija ta' Malta, izda jekk hu hekk, hu hazin. *Playing fields* huma uzati mit-tfal li, specjalment waqt li jkunu qed jilghabu, ma jikalkulawx periklu u lanqas biss japprezzaw il-htiega ta' attenzjoni. *Kwindi,* min jahseb ghall-post fejn jilghabu t-tfal, irid mhux biss jipprovdi post *safe* u adegwat, izda jrid kontinwament jiehu hsieb li dak il-post ikun *"at all times safe and secure"*. *Playing field* ghandha tkun maghluqa ghall-pubbliku u tinfetah kull filghodu mill-gwardjan, li, kull filghodu, qabel ma jiftah l-istess *playing field* ghat-tfal jara li l-*equipment* ma jkollix hsara. Altrimenti, jekk il-*playing field* jintelaq ghal mar-rih, u l-*inspections* u l-manutenzjoni jsiru b'mod irregolari, ikun hemm ic-*chance* li jigri l-incident, kif gara f'dan il-kaz.

"Minn dan isegwi li din il-Qorti kienet issib lill-Kunsill Lokali responsabbli, anke jekk il-hsara grat b'att vandalu. La darba l-Kunsill espona l-post ghall-pubbliku, kellu jassigura u jaghmel il-post, kemm jista' jkun, *vandal-proof*, u mhux jistenna li jaghmel xi haga jekk u meta jsir rapport. Fuq kollox, f'dan il-kaz, dakinhar stess il-Kunsill kellu rapport li z-zurzieqa kienet bil-hsara, *pero'*, *nonostante* l-fatt li jaf li hemm jkun hemm tfal jilghabu, ma ha ebda passi immedjati u urgenti (hekk kif dahal ir-rapport), biex jaghlaq iz-zurzieqa. Rapport bhal dan gie meqjus mill-Kunsill bhal kull ilment iehor, li fuqu kellha tiehu passi fil-mument opportun. Fil-frattemp, iz-zurzieqa thalliet kif inhi, miftuha ghall-pubbliku, u wegghet tifla!

"Fil-kawza "Abela vs Prim Ministru et", deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-17 ta' Jannar, 1995, il-Gvern ukoll ipprova jevita r-responsabbilita` ghall-mewt ta' bniedem f'Xatt ir-Rizq bl-iskuza li s-*safety barriers* li kien pogga kienu gew imnehhija minn xi vandali, izda kemm din il-Qorti kif ukoll l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ma accettatx din id-difiza ghax kien obbligu tal-Gvern li jipprovdi kontra kull periklu.

"Il-Kunsill ma jistax jahbi (recte: jinheba) wara l-fatt li hu ma kienx jaf bil-periklu; kien dover tieghu li jkun jaf darba li kien responsabbli ghall-manutenzjoni ta' *area* miftuha

ghall-pubbliku. Meta l-Kunsill ha r-responsabbilita` tal-*playing field*, ha responsabbilita` tal-kura u s-*safety* tat-tfal li juzaw dik il-*playing field.* Jekk mhux kapaci jassigura s-sahha tat-tfal, u dan b'mod kontinwu, ma jmissux jaccetta dik ir-responsabbilita`.

"Il-forza maggura hija dejjem skuzanti valida kontra kull akkadut, izda biex tirnexxi din id-difiza irid jirrizulta mhux biss illi d-difett zviluppa minghajr ebda pre-avviz, izda li l-istess difett zvilluppa minghajr htija u li l-oggett kien *serviced* b'mod regolari ghand nies kompetenti (ara "Gauci Borda vs Muscat", deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Ottubru, 1994; "Aquilina vs Schembri", deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-17 ta' Gunju, 1999, u "Gracey vs Ellul", deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-14 ta' Lulju, 2003). F'dan il-kaz, ma jirrizultax li z-zurzieqa qatt inghatat *service*. Il-Kunsill Lokali assuma r-responsabbilita` li kienet fi stat *"tajjeb"*, u *kwindi*, darba jirrizulta li garbet hsara, ir-responsabbilita` ghan-nuqqas hija tieghu, ghax, bhala fatt irrizulta li, minhabba nuqqas ta' *maintenance*, iz-zurzieqa kellha partijiet minnha *"misjura"* u kellhom jinbidlu.

"Is-Sindku tal-Kunsill Lokali stqarr li huwa l-kompitu tal-Kunsill li jsewwi l-hsara, u afferma r-responsabbilita' li f'kaz ta' dewmien li ssir it-tiswija, il-Kunsill ghandu jaghlaq il-*playground* (ara fol. 76 tal-process). *Kwindi* hu obbligu tal-Kunsill li jkun jaf b'kull hsara, u dan, minhabba l-periklu ghat-tfal, b'mod immedjat u jiehu mizuri tempestivi biex jevita l-periklu.

"Il-Qorti tqies ukoll li f'dan il-kaz ghandu japplika l-artikolu 1034 tal-Kodici Civili. Il-Kunsill, meta assuma r-responsabbilita` ghall-*playing field*, gie fdat bil-kura tat-tfal li jkunu qed jaghmlu uzu mill-apparat li jkun fil-*playing field*, u *kwindi* ghandu jwiegeb ghan-nuqqas tieghu li jezercita din il-kura bid-debita diligenza. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza "Zerafa vs Gauci", deciza fl-14 ta' Dicembru, 1955, *"rigward il-"kura", din il-kelma hi adoperata f'sens lat, ie., kustodja attwali ndependentement jekk kienetx akkompanjata jew le bid-drittijiet u d-dover tal-patria potesta, tutela jew kuratela"*.

Meta l-Kunsill Lokali espona ghall-uzu tat-tfal il-*playing field in* kwistjoni, hu accetta li jkollu l-kustodja ta' l-istess tfal, u bhala tali huwa responsabbli ghal kull hsara li tista' tigri lit-tfal.

"Din il-Qorti ma ssib ebda tort fil-genituri ghal dak li gara. Il-minuri kellha seba' snin meta sehh l-incident u kienet gia bdiet tmur il-Muzew u l-bandli wahedha. Il-Qorti ma tara xejn hazin f'dan, u *anke* kieku l-genituri jmorru maghha sal-bandli biex izomm ghajnejhom fuqha, ma hux mistenni li jsegwi l-passi kollha taghha, izda, *se mai*, li jpoggu fuq bank u jsegwu lit-tifla b'ghajnejhom, kif, fil-fatt, hafna genituri jaghmlu. L-incident xorta wahda kien jigri kieku l-genituri marru mat-tifla, ghax il-genituri ghandhom ihossu ruhhom *safe* li jhallu lill-uliedhom jilghabu fi *playing field*, konxji bir-responsabbilita' ta' min iforni dak l-apparat li joffri, kull hin u mument, *<u>"a safe system of play"</u>*. Dan hu obbligu kontinwu u dak li jigri jew ma jigrix fil-passat mhux raguni biex wiehed jghid li l-apparat hu *safe*; il-fatt li sehh l-incident ifisser li s-sistema, fil-fatt, ma kienetx wahda *safe* u l-procedura li tpoggiet *in* operazzjoni biex suppost tassigura li l-*area* tkun *safe*, falliet. Ghal dan il-falliment ghandu jirrispondi min assuma r-responsabbilita` u min kien responsabbli fil-hin li gara l-incident, u, f'dan il-kaz, dan kien il-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug.

"Il-Qorti, ghalhekk, issib li l-Kunsill Lokali Zebbug hu l-enti li, fost il-konvenuti, ghandu jinstab responsabbli ghall-incident *in* kwistjoni.

"Ghar-rigward tad-danni, il-minuri kellha 7 snin meta sehh l-incident u skond rapport mahrug minn Dr. Anthony Bernard, it-tifla garbet dizabilita` ta' 3%. Dan il-percentagg gie konfermat mill-espert mediku mahtur mill-Qorti.

"L-espert mediku mahtur mill-Qorti rrelata wkoll li d-dizabilita' li qed issofri l-minuri *"jistghu jitrangaw <u>sa certu punt</u> b'intervent ta' kirurgija plastika, izda ma jeghbux ghal kollox"*. Il-Qorti, ghalhekk, ma tistax tqies li din id-dizabilita' mhux se tibqa' jkollha effett determinanti fuq il-minuri, u mehud *in* konsiderazzjoni c-cirkustanzi tal-kaz,

din il-Qorti ma thoss li ghandha tnaqqas mill-percentagg ta’ dizabilita’.

“Il-fatt li l-vittma ta’ l-incident hi minuri u, *kwindi*, ma kienetx qed tahdem meta sehh l-incident, ma jnaqqas mid-dritt taghha li titlob u tinghata kumpens, b’dan li z-zmien mehtieg sakemm il-minuri tilhaq l-*“earning capacity”* taghha ma jittiehedx *in* konsiderazzjoni (ara “Gatt vs Barbara”, deciza minn din il-Qorti fl-14 ta’ Gunju, 1977, u “Micallef vs Psaila”, deciza wkoll minn din il-Qorti fis-16 ta’ Marzu, 1981). *Kwindi*, ghall-fini tal-likwidazzjoni tal-kumpens, il-vittma ghandha titqies li kellha 16-il sena meta sehh l-incident. Biex jigi determinat il-*multiplier*, skond il-principji enuncjati fil-kawza deciza mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fit-22 ta’ Dicembru, 1967, fl-ismijiet “Butler vs Herd”, (principji li, salv xi disdetta kull tant zmien, baqghu jigu segwiti mill-Qrati taghna sallum: ara, per ezempju, “Attard vs D’Amato”, deciza mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fit-22 ta’ Ottubru, 2002), wiehed irid jiehu *in* konsiderazzjoni l-*“expectancy of the working life”* tal-vittma, u mhux l-*“expectancy of life”*, u, mehud kont li l-hajja lavorattiva ta’ kull bniedem hija mimlija incertezza u dubji, il-Qorti trid tikkunsidra ic-*“chances and changes”* tal-hajja, b’mod li m’ghandux jigi eskluz li, fil-futur, il-vittma, ghal xi raguni hi x’inhi, tiddeciedi jew tkun kostretta li tieqaf tahdem u, *kwindi*, tieqaf li jkollha xi forma ta’ dhul. Recentement, *pero’*, il-Qrati taghna qed ikunu aktar liberali fid-determinazzjoni tal-*multiplier*, u l-figura ta’ 20 *years purchase* m’ghadhiex tigi kkunsidrata bhala l-massimu *anke* f’kaz ta’ minuri. Din il-Qorti tabbraccja din it-tendenza li twassal ghal figura aktar realistika, u sejra taddotta *multiplier* ta’ 38 *years purchase*.

“Bhala dhul prospettiv tal-minuri; din il-Qorti, ovvjament, ghada ma tafx se jkun ix-xoghol principali tal-minuri u lanqas ma tista’ tipprospetta fuq xi livell ta’ edukazzjoni se jkollha u, allura, x’inhuma l-prospetti taghha ghad-dhul aktar mill-medja. *Anke* jekk il-vittma ssib xoghol regolari, hija xorta wahda ghandha dritt ghall-kumpens u dan peress li d-dizabilita’ taghha tista’ dejjem tnaqsilha l-opportunitajiet ghall-avvanzi fil-karriera taghha jew ghal xoghol ahjar (ara “Gatt vs Carbone”, deciza mill-Onorabbli

Qorti ta' l-Appell fis-7 ta' Lulju, 1998). Mehud *in* konsiderazzjoni dawn id-diversi fatturi, din il-Qorti tqies ta' dhul medju ta' Lm6,000 fis-sena ghandu jkun riflettiv bizzejjed tas-sitwazzjoni tal-minuri.

"Ghaldaqstant, il-kumpens qed jigi kkalkulat *a* bazi ta' Lm6,000 x 38 x 3%, u *cioe'*, Lm6,840.

"Peress li l-incident sehh fl-1995, madwar 9 snin ilu, dina l-Qorti sejra tnaqqas biss 2% ghal *lump sum payment.* B'hekk, il-kumpens dovut ghandu jkun ta' Lm6,703.

"Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi minn din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici fil-konfront biss tal-Kunsill Lokali Zebbug, u tichadhom fil-konfront tal-konvenuti l-ohra, u, tikkundanna lill-Kunsill Lokali Zebbug ihallas lill-atturi, *in linea* ta' danni, is-somma ta' Lm6,703 (sitt elef u seba' mija u tlett liri Maltin), bl-imghaxijiet legali mid-data ta' din is-sentenza sal-pagament effettiv.

"L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-konvenut Kunsill Lokali Zebbug, hlief dawk tal-konvenuti Ministru ta' l-Ambjent u d-Direttur tas-Servizzi u Manufattura li ghandhom jigu sopportati minnhom stess."

**<u>L-APPELL TAL-KONVENUT KUNSILL LOKALI ZEBBUG</u>**

2.1. Il-konvenut Kunsill Lokali Zebbug hassu aggravat b'din is-sentenza u interpona appell minnha billi talab riforma tas-sentenza appellata kemm f'dik il-parti fejn laqghet it-talbiet attrici fil-konfront ta' l-imsemmi Kunsill u ghad-danni konsegwenzjali, kif ukoll f'dik il-parti tas-sentenza li llikwidat bhala danni s-somma ta' (Lm6,703) u talab lill-Qorti minflok tillikwida somma inferjuri u fil-bqija tikkonferma s-sentenza appellata.

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellati.

2.2. L-aggravji tal-konvenut appellant fuq imsemmi huma mifruxa fuq sensiela ta' paragrafi imma jistghu jigu sintetizzati kif gej:-

(i) li tenut kont tal-provi prodotti dwar ic-cirkostanzi fattwali kollha tal-kaz, l-apprezzament maghmul mill-Qorti ta’ l-ewwel grad dwar min kellu jiehu u jerfa’ r-responsabbilita` ghall-akkadut *de quo*, li fih garrbet danni fuq persuntha bint l-atturi appellati, illum maggorenni, kien zbaljat.

(ii) li r-responsabbilta` assunta mill-Kunsill Lokali Zebbug ghall-manutenzjoni tal-‘*play-ground*’ fejn sehh l-incident in ezami ghaddiet *ope legis* in forza ta’ l-Avviz Legali numru 113/94 li dahal fis-sehh fl-1 ta’ April 1995 u ghalhekk ma setax kien il-kaz li ssir xi forma ta’ accettazzjoni b’rizerva da parti ta’ l-istess Kunsill;

(iii) li l-appellant konvenut “tghabba b’apparat li kien ilu jintuza ghall-bosta snin u li rrizulta li kien *substandard*”;

(iv) l-ewwel Qorti skartat il-fatt li appena din “il-*play-ground*” giet f’idejn l-appellant, hu ta bidu mill-ewwel ghal serje ta’ xogholijiet, ippublicizza dan il-fatt u ghamel “is-sinjali mehtiega biex jindikaw li kienu qeghdin isiru x-xogholijiet”.

(v) li l-genituri tat-tifla, gia` atturi appellati, kienu jafu b’dawn ix-xogholijiet “in corso” u ma messhomx hallew lill-minuri taccedi jew taghmel uzu mill-apparat tal-“*playing-field*” in kwistjoni fil-pendenza tax-xoghlijiet, li kienu qeghdin isiru.

(vi) li anke l-minuri stess (illum maggorenni) kellha terfa’ r-responsabbilita` ta’ l-agir taghha, flimkien mal-genituri taghha, meta ghazlet li tinjora kollox u tuza l-apparat tal-“*playing-field*” u l-Qorti naqset issemmi xi grad ta’ diligenza (kienet) tistenna minghand il-genituri, darba li l-genituri kienu edotti bix-xogholijiet ta’ manutenzjoni “*in corso*”;

(vii) li inoltre rrizulta li kien hemm “negligenza kontributorja da parti tal-genituri ghan-nuqqasijiet taghhom;”

(viii) li d-danni likwidati mill-ewwel Qorti ghandhom jigu temperati mhux biss ghaliex hemm l-element kontributorju ta' traskuragni da parte tal-genituri tal-minuri, izda anke ghaliex il-konvenut appellant ma rax ghaliex kellu jigi applikat "multiplier" ta' 38 sena, bla ma jittiehed kont tac-"chances u changes (sic) tal-hajja" u di piu` fil-kuntest tal-possibbilita` li fil-futur id-dizabilita` sofferta tista' anke titranga "sa certu punt b'intervent tal-kirurgija plastika" u b'hekk il-grad ta' 3% stabbilit mill-perit mediku kellu jigi ridemensjonat biex jiehu kont ukoll ta' tali possibilita`.

**<u>IR-RISPOSTA TA' L-APPELL U L-APPELL INCIDENTALI TAL-KONVENUTI MINISTRU TA' L-AMJENT U D-DIRETTUR TAL-MANUFACTURING SERVICING DEPARTMENT, WORKS DEPARTMENT</u>**

3.1. Il-Konvenuti appellati fuq imsemmija wiegbu li <u>kwantu ghall-mertu</u>, is-sentenza appellata kienet wahda "ekwa u gusta" u kien jisthoqqilha konferma.

3.2. Fl-istess waqt l-istess konvenuti appellati hassewhom aggravati bl-imsemmija sentenza limitatament ghall-kap ta' l-ispejjez u ghalhekk interponew appell incidentali mill-istess kap.

Huma jissottomettu li minkejja li l-ewwel Qorti ma rriskontrat ebda nuqqas min-naha taghhom, hija xorta wahda akkollathom bl-ispejjez gudizzjarji inkorsi minnhom, u dan ukoll minghajr ma tat ebda raguni ghal dan.

Kwindi huma talbu riforma tas-sentenza appellata limitatament ghal dik li hi l-ispartizzjoni tal-kap ta' l-ispejjez minn kif gie deciz, b'dan li l-ispejjez taghhom kellu jithallsu mill-parti attrici.

**<u>IR-RISPOSTA TA' L-ATTURI APPELLATI FIL-KWALITA` TAGHHOM PREMESSA</u>**

4. L-atturi appellati (illum assunti fil-persuna ta' Samantha May Fenech) wiegbu li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita li tigi kkonfermata. Huma jirreferu ghall-provi li saru quddiem l-ewwel Qorti u dak li gie rikonoxxut u ammess mill-appellanti stess dwar ir-responsabbilita` ta' l-

istess appellanti ghal dak illi gara.  Minbarra dan, ma kien hemm l-ebda htija kontributorja da parti taghhom ghax huma ma naqsu f'xejn.  Fl-ahharnett, ma kien hemm xejn skorrett fil-kalkoli ta' l-ewwel Qorti ghal fini ta' likwidazzjoni tad-danni subiti.  Semmai, it-trapass taz-zmien ikkaggonat bl-appell in dizamina "ser ikompli jnaqqar mill-effettivita` tar-rimedju moghti" lilhom, isostnu l-appellati atturi.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

5.  Dan l-appell jirrigwarda incident sfortunat li sehh f'Haz-Zebbug, Malta, fil-31 ta' Awissu 1995.  L-attrici Samantha May Fenech, dakinhar minuri ta' madwar seba' snin kienet qeghda tilghab fil-"play-ground" li tinsab f'Kandlora Street, Zebbug, Malta, liema "play-ground" taqa', bhala responsabbilita`, taht il-konvenut appellant Kunsill Lokali Zebbug.  Gara li waqt li t-tifla msemmija kienet qeghda taghmel uzu miz-zurzieqa, hija sfat imwegga' peress illi kien hemm hadida zgancjata fil-korsija taz-zurzieqa bil-konsegwenza li din il-hadida dahlet fil-koxxa tat-tifla u ghamlitilha ferita ta' natura permanenti ta' dizabilita` – skond il-perit mediku – ta' 3%.

6.  Fis-sentenza taghha, wahda studjata u elaborata sew, il-Qorti ta' l-ewwel grad sabet htija fil-konfront biss tal-konvenut Kunsill Lokali Zebbug billi rriteniet li "hu l-enti (sic) li, fost il-konvenuti, ghandu jinstab responsabbli ghall-incident in kwistjoni".  Din il-Qorti, wara li ezaminat mill-gdid il-provi kollha prodotti fid-dawl tas-sottomissjonijiet li sarulha mill-partijiet kollha involuti, hija tal-fehma li l-aggravji tal-konvenut appellant Kunsill Lokali Zebbug huma infondati ghar-ragunijiet li ser jinghataw.

7.  Jibda billi jigi rilevat b'riferenza ghall-aggravji ta' l-appellant li tista' tghid l-argumenti kollha "in propria difesa" li gew sollevati mill-istess konvenut gew mistharrga b'mod approfondit mill-ewwel Qorti, b'dan li ftit li xejn hemm x'telabora izjed dwarhom, u dan *multo magis* ghar-raguni li din il-Qorti hija ghal kollox ta' l-istess fehma ta' l-ewwel Qorti, jigifieri li s-sinistru *de quo* kien totalment u unikament attribwibbli lill-appellant konvenut u lil hadd izjed.

8. Bil-fatt li l-Kunsill Lokali Zebbug assuma r-responsabbilita` shiha tal-gestjoni tal-“playing-field” fejn sehh l-incident per via ta’ avviz legali, jigifieri *ope legis*, b’daqstant l-istess Kunsill ma giex ezentat milli jerfa’ l-piz shih li tali inkariku kien jimporta. Darba li dan il-konvenut appellant assuma dan l-inkariku, imqar jekk *ope legis*, huwa xorta wahda jibqa’ tenut legalment responsabbli. Jekk huwa kien konxju tal-fatt – kif jirrizulta li kien – li l-apparat tal-loghob, kompriza z-zurzieqa in kwistjoni, kien wiehed “sub-standard” u nieqes minn manutenzjoni xierqa, allura kien fid-dmir li jassigura li qabel ma jkun fi stat tajjeb, l-istess apparat tal-loghob ma jkunx disponibbli ghall-utenti. Ma jiswa xejn il-fatt li dan il-konvenut appellant jghid li kien gia` ta bidu ghal xogholijiet ta’ manutenzjoni – li fil-fatt kien xoghol ta’ pavimentar u mhux fuq l-apparat *ut sic*. Lanqas ma jista’ l-appellant “jinheba” wara l-pretest li fil-waqt ta’ l-incident il-minuri kienet wahidha. Li kieku gara li hija korriet in konnessjonijiet max-xogholijiet li kienu “in corso”, allura forsi wiehed seta’ jara xi konnessjoni, peress li kien hemm xi senjalazzjonijiet dwar dawn ix-xogholijiet imma, kif gia` intqal *supra*, l-incident ma kellu x’jaqsam xejn mal-pavimentar jew il-“flooring” tal-“play-ground”.

9. Dwar l-istat taz-zurzieqa *de quo* l-appellant ipprova jiddefendi ruhu wkoll billi allega li l-apparat safa vvandalizzat proprju lejlet l-akkadut in ezami u li huma rcevew rapport dwaru l-ghada, u li appena hadu konjizzjoni tieghu, raw kif ghamlu biex isibu rimedju. Din il-Qorti, bhal dik ta’ qabilha, jidhrilha li ghalkemm hu minnu li rrizulta li kien gie kommess xi att vandalu – mhux specifikat sew kif fil-“play-ground” – xorta wahda jirrizulta b’mod car mill-provi li l-incident sehh ghar-raguni li ebda manutenzjoni regolari ma kienet qeghda ssir fuq dan l-apparat, u li inoltre l-apparat kien wiehed “misjur”. Ix-xhud Frans Vella, prodott mill-Ministeru konvenut (fol. 169) *inter alia* jispjega hekk:
“Meta morna fuq il-post indunajna li nqalghet xi hadida li kien hemm fuq iz-zurzieqa. Donnu li nqala’ xi vit, u nqalghet xi hadida, li giet qisha ganc. Jista’ jkun li nqalghet il-hadida ghax maz-zmien, il-vit issaddad, inqala’ u ghalhekk inqalghet il-hadida. Ma rrizultalniex li xi hadd

ghamel att ta' vandalizmu fuq dik iz-zurzieqa. Anzi ma nahsibx li gara hekk. L-ghada, meta morna fuq il-post, biddilna l-hadida u ghamilna kollox gdid."

Veru li dan ix-xhud gie prodott *ex parte* minn parti interessata, izda fil-fehma kunsidrata tal-Qorti, jidhrilha li din ix-xiehda tipprovdi stampa fidila ta' kif kienu l-affarijiet, fi sfond jigifieri fejn jirrizulta li dan l-apparat kien intelaq "ghal rihu" u bla spezzjoni jew manutenzjoni regolari jew adegwata.

10. Din il-Qorti ma thossx li ghandha ghalfejn tiddilunga aktar dwar l-aggravji relatati mar-responsabbilta`, hlief li terga' ttenni li hija ma tirriskontra ebda htija kontributorja la da parti tal-genituri ta' l-attrici u lanqas f'xi wiehed mill-konvenuti l-ohrajn. Huwa veru li l-konvenut Ministru ta' l-Ambjent seta' kien li, kif jghidu l-Inglizi "passed on the baby" helu helu taht il-kura kompleta tal-konvenut Kunsill Lokali Zebbug, jigifieri l-appellant imma dan mhux biss assumiha *in toto* izda fuq kollox m'ghamel xejn biex jilqa' ghal dak li seta' jinqala'. Kwindi r-responsabbilita` shiha ghal dak li gara tibqa' unikament fuq spallejn il-konvenut appellant.

11. L-aggravju l-iehor jirrigwarda l-likwidazzjoni tad-danni kemm ghaliex, skond l-appellant, il-"multiplier" adoperat kien wiehed twil esageratament u kemm ghaliex il-grad ta' dizabilita` ta' 3% ma jiehux kont tal-possibilita` li b'intervent futur opportun l-isfregju fil-koxxa ta' l-attrici jista' jittaffa. Din il-Qorti hi tal-fehma li dawn il-lanjanzi m'humiex fondati. Fiz-zmien ta' l-incident l-attrici appellata kien ghad ghandha biss seba' (7) snin. Il-"multiplier" inhadem mill-ewwel Qorti fuq firxa ta' 38 sena. Il-hajja lavorattiva llum miexja fid-direzzjoni ta' estensjoni ta' l-eta` ta' l-irtirar ghal wahda ta' 65 sena. Kwindi jsegwi li ma hemm xejn esagerat fil-"multiplier" li gie adoperat mill-ewwel Qorti. Il-fatt, imbaghad, li l-isfregju fis-sieq tal-vittma ghad jista' jigi possibilment sfumat b'xi mod, tramite intervent kirurgiku, ma jnaqqas assolutament xejn mill-grad ta' dizabilita` attwalment sofferta u li gie stmat f'percentwal pjuttost moderat ta' tlieta fil-mija (3%). Ghalhekk dana l-aggravju wkoll qieghed jigi respint.

**DWAR L-APPELL INCIDENTALI TAL-KONVENUTI MINISTERU TA' L-AMBJENT U D-DIRETTUR TAL-MANUFACTURING AND SERVICING DEPARTMENT, WORKS DEPARTMENT**

12. Iz-zewg konvenuti fuq imsemmija appellaw incidentalment dwar il-kap ta' l-ispejjez in kwantu jirrizulta li l-ewwel Qorti akkollatilhom l-ispejjez gudizzjarji li kienu relattivi ghalihom. Skond il-konvenuti, tali spejjez ghandhom jigu sopportati mill-parti attrici.

Huwa minnu li f'dan il-kaz ir-responsabbilita` shiha waqghet fuq spallejn il-konvenut appellant kif fuq spjegat, bhalma huwa minnu wkoll li l-ewwel Qorti ma tat ebda raguni li tiggustifika l-ghala dawn iz-zewg konvenuti kellhom jerfghu l-ispejjez taghhom. Jirrizulta inoltre li ma saritx il-prova li dawn il-konvenuti kienu gew interpellati skond il-ligi qabel ma giet intavolata c-citazzjoni kontrihom. U dana billi l-ewwel eccezzjoni giet irtirata in forza tal-verbal datat 7 ta' Ottubru 1996 (fol. 23). Li kieku saret tali interpellazzjoni ufficjali da parti ta' l-atturi, allura probabbilment lanqas kienet tinqala' l-htiega li dawn il-konvenuti jigu citati wkoll fil-kawza. Kwindi jsegwi li dan l-aggravju huwa fondat u qieghed jigi akkolt. Ifisser ghalhekk li l-ispejjez gudizzjarji relattivi ghall-konvenuti Ministru ta' l-Ambjent u Direttur tal-Manufacturing and Servicing Department, Works Department, kemm dawk ta' l-ewwel istanza, kif ukoll dawk relattivi ghall-appell incidentali ghandhom jigu sopportati unikament mill-attici appellata.

Ghal dawn ir-ragunijiet;

Tiddeciedi dana l-appell billi tichad l-appell tal-Kunsill Lokali Zebbug (Malta) izda tilqa' l-appell incidentali interpost mill-konvenuti l-ohra, jigifieri il-Ministru ta' l-Ambjent u d-Direttur tal-Manufacturing and Servicing Department, Works Department, fir-rigward tal-kap ta' l-ispejjez inkorsi minnhom, u ghalhekk qeghda tikkonferma s-sentenza appellata kwantu ghat-talbiet attrici relattivi ghar-responsabbilita` ta' l-incident *de quo*, kif ukoll it-talba dwar likwidazzjoni u kundanna ghall-hlas tad-danni hekk likwidati, b'dana pero` li l-kap ta' l-ispejjez kwantu ghaz-

zewg istanzi ghandu jigi sopportat mill-konvenut appellant Kunsill Lokali Zebbug (Malta), hlief dawk relattivi ghaz-zewg konvenuti appellati l-ohra, jigifieri l-Ministru ta' l-Ambjent u d-Direttur tal-Manufacturing and Servicing Department, Works Department, liema spejjez gudizzjarji ghandhom, minflok, ikunu a kariku ta' l-attrici appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------